**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 19 ta' Dicembru, 2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**-vs-**

**Omissis, u**

**Mary Rose Debattista, detentrici**
**tal-karta ta' l-identita' bin-numru 17051(M).**

Kumpilazzjoni Nru. 429/2001

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Ommissis u Mary Rose Debattista talli:

> Bejn l-1 ta' April, 1996 u t-30 ta' Novembru, 1999, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żmenijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, wara li fil-kapaċità tagħhom ta' diretturi tas-soċjetà Debattista Holdings Ltd approprijaw, billi dawru fi profit għalihom jew għal persuna oħra, is-somma ta' Lm4202.01 miġbura mis-soċjetà bħala dhul f'taxxa dovuta lill-Gvern ta' Malta, li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilhom tħaħt titolu ili jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir uzu minnha speċifikat jew minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizz tiegħu.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew bejn l-1996 u l-1999, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-30 ta' Mejju, 2016.

Illi din il-Qorti semghet lill-rapprezentant tal-VAT Department jikkonferma li ma ghadx baqa pendenzi mal-imputati u li l-ammont dovut kien thallas minn zmien qabel.

Illi l-espert mediku u l-espert psikjatra kienu kkonkludew li l-imputata tbati minn Lewy Body dementia li tinsab fi stadju sever hafna fejn hija *bedridden* minhabba din l-istess kundizzjoni. Aktar minn hekk l-esperti ddikjaraw b'mod car u inekwivoku li l-imputata mhijiex f'posizzjoni li tifhem jew isegwi l-proceduri minhabba l-kundizzjoni mentali taghha u li din il-kundizzjoni hija wahda terminali biex sfortunatament l-imputata ser tibqa' f'dan l-istat sakemm tintemm hajjitha.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti ma ghandiex triq ohra ghajr li tiddikjara l-procediment ezawrit.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**